Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,273, 21 ta' Ġunju, 2024

Taqsima B

A.L. 140 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Accountancy and Information Systems - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy u tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bordijiet tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy u tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilhom skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Accountancy and Information Systems - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy u tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bordijiet" tfisser il-Bordijiet tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy u tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bordijiet tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy u tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Accountancy and Information Systems - B.Sc. (Hons);

"il-Higher Diploma" tfisser il-Higher Diploma in Accountancy and Information Systems – H.Dip.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Accountancy and Information Systems – B.Sc. (Hons); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2024 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. (1) Biex ikunu reġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikat fir-Regolamenti għad-Dħul, u jkollhom ċertifikat li għaddew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola fil-Computing jew fl-Information Technology, u ċertifikat li għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola fl-Accounting fiż-żmien tal-applikazzjoni għall-Kors.

(2) L-applikanti li ma jkollhomx ċertifikat li huma għaddew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola fil-Computing jew fl-Information Technology fiż-żmien tal-applikazzjoni għall-Kors iżda li jkollhom kwalifika oħra fil-Computing jew fl-IT li tkun meqjusa rilevanti mill-Bord, jew li jkollhom suġġett wieħed bi grad Ċ jew aħjar fil-Livell Intermedju tal-Matrikola fil-Matematika Applikata, il-Bijoloġija, il-Kimika, ix-Xjenza Ambjentali, il-Fiżika jew il-Matematika Pura jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll.

(3) L-applikanti li ma jkollhomx ċertifikat li huma għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola fl-Accounting fiż-żmien tal-applikazzjoni għall-Kors iżda li jkollhom kwalifika oħra fl-Accounting li tkun meqjusa rilevanti mill-Bord, jew li jkollhom żewġ suġġetti bi grad Ċ jew aħjar fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola, jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perjodu ta' tlett snin ta' studju fuq bażi full-time jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi part-time.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-Bord tal-Istudji għandu jippubblika l-programm ta' studju qabel il-bidu ta' kull Kors. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord tal-Istudji, bl-approvazzjoni tas-Senat, jista' jkun kostrett li jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet-studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju għall-Grad, diment li l-programm ikun imfassal skont il-provvedmenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

6. Sabiex ikunu eliġibbli għall-Grad, l-istudenti jkunu meħtieġa jirreġistraw u jgħaddu mit-taqsimiet-studju inklużi fil-programm għall-Grad, li għalihom hemm assenjati 180 krettu ECTS.

7. L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet-studju mgħallma li għalihom hemm assenjati tal-anqas 90 krettu ECTS, u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li jkunu komplew, ma jtemmux b'suċċess il-Kors ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Higher Diploma.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

8. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad u tal-Higher Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi Part-Time

9. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi part-time, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bordijiet bħala neċessarji minħabba n-natura part-time tal-Kors.